31 ta' Marzu, 1952.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Antonio Bezzina et. *versus* Avukat Dr. Albert Ganado ne.**

**Ritrattazzjoni — Board tal-Kera — Proċedura — Libell — Art. 43 u 44 tal-Kap. 109.**

*Il-proċedura quddiem il-Board tal-Kera ssir per mezz ta' rikors.*

*Imma meta t-talba hija għar-ritrattazzjoni ta' kawża, il-proċedura għandha ssir permezz ta' libell, eskluż il-każ meta t-talba għar-ritrattazzjoni tkun bażata fuq il-motiv li waħda mill-partijiet tkun ħadet deċiżjoni favorevoli minħabba dikjarazzjoni falza li hija tkun*

*għamlet — f'liema każ it-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir b'rikors.*

*Il-proċedura hija liġi ta' ordni publiku, u għalhekk mhux leċitu lill-parti li tagħmel it-talba li tissostitwixxi proċedura għal oħra.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera, ta' Godfrey John Zammit, prokuratur speċjali ta' l-assenti Frank William Coleridge, li b'h, wara li espona illi Antonio u Joseph Bezzina, u l-Avukat Dr. Anton Buttigieg u John Gauci, kienu talbu biex jiġu awtorizzati ma jġeddux il-lokazzjoni tal-fond nru. 53 Gżira Road, Gżira, lill-imsemmi Coleridge, peress li dan kien safer u ċedih lil ħadd ieħor kontra d-divjet espress tagħhom, u lanqas ħa ħsieb li jħallas il-kera; li dak il-Board, b'sentenza tas-16 ta' Marzu 1951, laqa' t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-intimat nomine xahar żmien; li l-kuraturi nominati ħalli jirrapprezentaw lill-assenti Coleridge ġew nominati kontra dak li jiddisponi l-art. 930 tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, mentri l-istess Bezzina u Gauci innotifikaw bil-bandi l-Avukat tal-Kuruna, waqt li huma kienu jafu li Godfrey John Zammit huwa ħabib ta' l-assenti Coleridge u kienu jafu fejn joqgħod, u għalhekk in-nomina ta' l-imsemmija kuraturi hija nullament ottenuta u s-sentenza mogħtija minn dak il-Board hija nullament ottenuta kontra persuni li nullament ikkontestaw id-domanda, u għalhekk dik is-sentenza ttieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara ta' l-oħra; u barra minn dan, id-depożizzjoni ta' Antonio Bezzina mhix korretta, u tagħti lok ukoll għar-ritrattazzjoni; li huwa, fid-9 ta' Mejju, irċieva telegramm minn għand l-imsemmi Coleridge li qallu li reġa' ġej Malta, u fit-13 ta' Mejju l-istess Coleridge bagħat ittra flimkien ma' telegramm li ġew eżibiti; talab li in forza ta' l-art. 814 tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, ittri (a) (j) u (l), jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-liġi, ir-rikors nru. 1065/1950, deċiż fis-16 ta' Marzu 1951, jiġi ritrattat, u s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata;

*Omissis:*

Rat is-sentenza tal-Board, li biha ġew miċħuda t-talbiet tar-rikorrent nomine, bl-ispejjeż; wara li dak il-Board ikkunsidra;

Illi r-ritrattazzjoni ta' kawża ma tistax tintalab ħlief

minn xi waħda mill-partijiet li kellhom parti fil-kawża, għad-differenza tal-każ ta' l-appell minn xi sentenza, fejn il-liġi espressament tiddisponi li *l-appell jista' jiġi interpost minn kwalunkwe* interessat;

Illi huwa veru li t-talba tal-lum ġiet magħmula minn Godfrey John Zammit bħala *prokuratur* speċjali ta' Frank William Coleridge, imma din il-prokura speċjali ma *tirriżulta* bl-ebda mod mid-dokumenti li Zammit eżibixxa biex jippruvaha. *Infatti* l-ittra.............. l-dokument l-ieħor huwa telegramm li bih Coleridge.............. u din żgur lanqas ma tista' jkollha forza ta' prokura;

*Omissis;*

Illi għalhekk Godfrey Zammit ma għandux ir-rappreżentanza ta' Frank William Coleridge, jew Couldridge, u konsegwentement mhux persuna leġittima biex jistitwixxi l-ġudizzju tar-ritrattazzjoni; u dan iġib għan-nuqqas *ta' neċessità li jiġi eżaminat* jekk jeżistix jew le d-dritt tar-ritrattazzjoni;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Godfrey John Zammit *interpona appell lil din il-Qorti* kontra s-sentenza fuq indikata, u talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi jiġu milqugħa t-talbiet *kontenuti* fir-rikors u tiġi ordnata r-ritrattazzjoni tar-rikors fuq imsemmi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-ġudizzju;

Illi skond il-liġi (*Ordinanza* nru. XXI ta' l-1931) il-proċedura quddiem l-Board li jirregola l-Kera ssir per mezz ta' *rikors*. Iżda, kif jidher mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "Michele Cefai vs. Angelo Cutajar et." (Kollez. XXXIII—I—46), it-talba għar-ritrattazzjoni ta' kawża quddiem dak il-Board issir per mezz ta' libell, eskluż, ċertament, il-każ meta dik it-talba tiġi *magħmula* għar-raġuni li waħda mill-partijiet tkun ħadet deċiżjoni favorevoli minħabba dikjarazzjoni falza magħmula minnha, billi għal dak il-każ il-liġi espressament tgħid li t-talba ssir b'rikors (art. 43 u 44 Ordinanza ċitata). Fil-każ preżenti r-ritrattazzjoni ġiet mitluba *għar-raġunijiet kontemplati* fl-art. 814 (a) (j) u (l) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra

tal-Ligi; u allura, skond kif gie ritenut fl-imsemmija sentenza *ta' din il-Qorti*, it-talba jmissha saret per mezz ta' libell. Dik is-sentenza difatti tghid:— "L-uniku każ illi quddiem il-Board jigi preżentat libell huwa fil-każ ta' talba ghar-ritrattazzjoni, b'analogija ghar-regoli ta' dak l-istitut". Fl-istess sentenza jinghad:— "Mhux lecitu f'materja ta' procedura *lill*-parti li taghmel it-talba li tissostitwixxi procedura ghal ohra, peress li l-procedura hija ligi ta' ordni publiku";

Ghalhekk;

*Tilqa'* dik l-eccezzjoni, u *tiddikjara* li l-procedura quddiem il-Board f'din il-kawża jmissha saret per mezz ta' libell, u ghalhekk *hija nulla*. Bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-appellant.